

31993D0619

2.12.1993

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 297/25

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tad-19 ta' Novembru 1993****dwar it-twaqqif ta' Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd**

(93/619/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi l-implimentazzjoni tas-sistema komunitarja tas-sajd u l-akwakultura teħtieġ l-għajnuna ta' persunal xjentifiku bi kwalifiki għolja, partikolarment fl-applikazzjoni tal-bioloġija marina u dik tas-sajd, fit-teknoloġija tas-sajd, fl-ekonomija tas-sajd u dixxiplini simili, jew b'konnessjoni mal-ħtiġiet tar-riċerka fl-oqsma tas-sajd u ta' l-akwakultura;

Billi l-għajnuna għandha tinkiseb minn kumitat permanenti mwaqqaf fi ħdan il-Kummissjoni;

Billi s-setgħat tal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku għas-Sajd preżenti, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 79/572/KEE⁽¹⁾, kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' Spajna u tal-Portugall, għandhom jiġu emendati kif jixraq; billi, fl-interess taċ-ċarezza, din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tiġi sostitwita,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Huwa hawnhekk imwaqqaf mill-Kummissjoni Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, minn issa "l quddiem imsejjaħ" il-Kumitat'.

Artikolu 2

1. Il-Kumitat jista' jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar il-problemi kollha konnessi mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess għaż-żoni u għar-riżorsi tal-postijiet tas-sajd tal-Komunità, u li jirregolaw l-insegwiment ta' attivitajiet ta' sfruttament.

2. Il-Kumitat għandu jħejji rapport annwali dwar is-sitwazzjoni rigward ir-riżorsi tas-sajd, u dwar l-iżviluppi fis-sajd, b'riferiment għal fatturi bijoloġiċi, tekniċi u ekonomiċi. Għandu jirrapporta ukoll dwar l-implikazzjonijiet ekonomiċi tas-sitwazzjoni tar-riżorsi tas-sajd.

3. Il-Kumitat għandu jirrapporta kull sena dwar ix-xogħol u l-ħtiġiet fil-qasam tal-kordinament tar-riċerka xjentifika, teknika u ekonomika għas-settur tas-sajd u ta' l-akwakultura.

4. Il-Kumitat jista' jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar kull problema msemija fil-paragrafi 1, 2 u 3.

Artikolu 3

Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn mhux iktar minn 28 membru.

Artikolu 4

Il-membri tal-Kumitat għandhom jiġu nominati mill-Kummissjoni minn fost persuni xjentifiċi bi kwalifiki għolja li jkollhom il-kompetenza fl-oqsma msemija fl-Artikolu 2.

Artikolu 5

Il-Kumitat għandu jeleġġi President u żewġ viċi-Presidenti minn fost il-membri tiegħu. Dawn għandhom jiġu eletti fuq il-bażi ta' maġġoranza sempliċi tal-membri.

Artikolu 6

1. Iż-żmien tal-kariga ta' membru, tal-President jew ta' viċi-President tal-Kumitat għandu jkun ta' sentejn. Dan it-terminu jista' jiġġedded. Madankollu, il-President u l-viċi-Presidenti tal-Kumitat ma jistgħux jergħu jiġu eletti minnufih wara li jkunu żammew il-kariga għal żewġ perjodi konsekuttivi taż-żmien ta' sentejn. Id-dmirijiet ma jkunux soġġetti għal rimunerazzjoni.

Wara t-temm tal-perjodu taż-żmien ta' sentejn, il-membri, il-President jew il-viċi-Presidenti tal-Kumitat għandhom iżommu l-kariga tagħhom sakemm jiġu mibdula jew sakemm jiġġedded iż-żmien tal-kariga tagħhom.

2. Fejn ikun impossibbli għal membru, għall-President jew għal viċi-President tal-Kumitat li jissoktaw iż-żmien tal-kariga tagħhom, jew fejn jirriżenjaw volontarjament, dawn għandhom jiġu sostitwiti skond il-proċedura taħt l-Artikoli 4 jew 5, skond kif ikun il-każ.

⁽¹⁾ ĠU L 156, tat-23.6.1979, p. 29.

Artikolu 7

1. Waqt li jaġixxi b'koperazzjoni ma' l-uffiċjali tal-Kummissjoni, il-Kumitat jista' jwaqqaf gruppi interni tax-xogħol.

2. Il-mandat tal-gruppi tax-xogħol għandu jkun li jirrapportaw lill-Kumitat dwar materji magħżula minn dan ta' l-aħħar.

Artikolu 8

1. Il-Kumitat u l-gruppi tax-xogħol għandhom jiltaqgħu fuq it-talba ta' rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni kif ukoll uffiċjali oħra u aġenti rilevanti tal-Kummissjoni għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat u tal-gruppi tax-xogħol.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistieden individwi li jkollhom kompetenza tax-xogħol fis-suġġett li jkun qiegħed jiġi studjat sabiex jieħdu sehem fil-laqgħat.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-segretarjat tal-Kumitat u tal-gruppi tax-xogħol.

Artikolu 9

1. Fid-deliberazzjonijiet tiegħu, il-Kumitat għandu jittratta t-talbiet għal opinjoni mill-Kummissjoni. Dawn ma għandhomx jiġu segwiti b'votazzjoni.

Meta jitlob l-opinjoni tal-Kumitat, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jiffissa perjodu taż-żmien li fih trid tingħata l-opinjoni.

2. Fejn l-opinjoni mitluba tiġi miftiehma unanimament mill-membri tal-Kumitat, dan ta' l-aħħar għandu jfassal l-konklużjonijiet komuni. Fin-nuqqas ta' qbil unanimu, il-pożizzjonijiet varji meħuda fil-kors tad-deliberazzjonijiet għandhom jiddaħħlu f'rapport, imħejji fuq ir-responsabbiltà tar-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Artikolu 10

B'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 214 tat-Trattat, il-membri tal-Kumitat ma għandhomx jiżvelaw tagħrif li jasal fil-għarfien tagħhom bħala riżultat tax-xogħol tal-Kumitat kull meta r-rappreżentant tal-Kummissjoni jgħarrafhom illi l-opinjoni mitluba jkollha x'taqsam ma' materji kunfidenzjali.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għandhom ikun preżenti għal-laqgħat il-membri tal-Kumitat, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni, u l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra rilevanti tal-Kummissjoni biss.

Artikolu 11

1. Id-Deċiżjoni 79/572/KEE hija b'dan revokata.

2. Bis-saħħa tad-Deċiżjoni revokata bil-paragrafu 1, il-membri tal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku għas-Sajd għandhom jibqgħu membri tal-Kumitat sakemm jiskadi t-terminu tal-kariga tagħhom.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 għandhom japplikaw mutatis mutandis mat-temm tal-kariga tal-membri msemmija fil-paragrafu 2. Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Novembru 1993.

I fid-19 ta' Novembru 1993.

Yannis PALEOKRASSAS

Membru tal-Kummissjoni